



2024/230

9.1.2024

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/230**

**tal-25 ta' Ottubru 2023**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/1342 fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-pajjiżi terzi kif ukoll mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll għall-fini tas-superviżjoni tar-rikonoxximent tagħhom skont l-Artikolu 33(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 u l-miżuri li għandhom jittieħdu fl-eżerċitar ta' dik is-superviżjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 48(4) u 57(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1342 <sup>(2)</sup> li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 b'regoli dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-pajjiżi terzi u mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll għall-finijiet tas-superviżjoni tar-rikonoxximent tagħhom skont l-Artikolu 33(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 <sup>(3)</sup> għall-prodotti organiċi importati u l-miżuri li għandhom jittieħdu fl-eżerċizzju ta' dik is-superviżjoni.
- (2) Sabiex tiġi żgurata s-superviżjoni xierqa tal-pajjiżi terzi rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, jeħtieġ li jiġi ċċarat li l-azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiżi terzi wara notifika mill-Kummissjoni ta' sospett sostanzjat ta' irregolarità jew ta' ksur fir-rigward tal-konformità ta' prodotti organiċi importati mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007, l-istandards tal-produzzjoni u l-miżuri ta' kontroll aċċettati bħala ekwivalenti jistgħu jinkludu eżamijiet tal-operaturi fuq il-post. Hemm b'żonn ukoll li jiġi speċifikat li l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat bir-riżultat tal-investigazzjoni u l-azzjoni meħuda bl-użu tal-mudell fl-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1698 <sup>(4)</sup>.
- (3) Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu elaborati iktar x'inhuma r-raġunijiet għall-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni fl-eżerċitar tas-superviżjoni tagħha ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti.
- (4) Sabiex tiġi żgurata s-superviżjoni xierqa tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli addizzjonali dwar il-proċeduri għar-rieżami regolari tar-rikonoxximent tagħhom.
- (5) Għal dak il-fini, dan ir-Regolament jenħtieġ li jispeċifika informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta minn dawk l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll lill-Kummissjoni għall-eżerċitar ta' dik is-superviżjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi wkoll il-possibbiltà li l-Kummissjoni torganizza eżamijiet fuq il-post ibbażati fuq ir-riskju tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll kif ukoll il-modalitajiet tat-twertiq ta' dawk l-eżamijiet. Għall-eżerċitar tas-superviżjoni tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll mill-Kummissjoni, jeħtieġ ukoll li jiġu previsti l-verifiki li għandhom jitwettqu għaċ-ċertifikazzjonijiet ta' operaturi ġodda jew ta' gruppi ta' operaturi ġodda.

<sup>(1)</sup> ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1342 tas-27 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-pajjiżi terzi u mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll għall-finijiet tas-superviżjoni tar-rikonoxximent tagħhom skont l-Artikolu 33(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 għall-prodotti organiċi importati u l-miżuri li għandhom jittieħdu fl-eżerċizzju ta' dik is-superviżjoni (ĠU L 292, 16.8.2021, p. 20).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1698 tat-13 ta' Lulju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bir-rekwiżiti proċedurali għar-rikonoxximent tal-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll li huma kompetenti biex iwettqu l-kontrolli fuq operaturi u gruppi ta' operaturi ċċertifikati organiċi u fuq il-prodotti organiċi f'pajjiżi terzi u bir-regoli dwar is-superviżjoni u l-kontrolli tagħhom u azzjonijiet oħra li għandhom jitwettqu minn dawk l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll (ĠU L 336, 23.9.2021, p. 7).

- (6) Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu elaborati iktar x'inhuma r-raġunijiet għall-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni fl-eżerċitar tas-superviżjoni tagħha ta' awtoritajiet ta' kontroll u ta' korpi ta' kontroll rikonoxxuti.
- (7) L-awtoritajiet tal-Istati Membri kisbu esperjenza u għarfien espert sostanzjali fil-qasam tal-għoti ta' aċċess għal prodotti organiċi importati fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tuża l-esperjenza tal-Istati Membri fil-verifiki mwettqa matul il-kontrolli tal-importazzjoni għall-fini tas-superviżjoni ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti u tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll, inkluż l-ewalwazzjoni tal-prestazzjoni operazzjonali tagħhom. Il-kompiti ta' assistenza lill-Kummissjoni fir-rieżami tar-rikonoxximenti jenħtieġ li jinqasmod b'mod ġust u proporzjonat bejn l-Istati Membri filwaqt li jitqies l-għadd ta' voti ta' kull Stat Membru fil-Kumitat tal-Produzzjoni Organika.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2021/1342 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2021/1342 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-pajjiżi terzi meta tirċievi notifika minn Stat Membru li jinfurmaha b'suspett sostanzjalment ta' irregolarità jew ksur, fir-rigward tal-konformità tal-prodotti organiċi importati, mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u mal-istandards tal-produzzjoni u mal-miżuri ta' kontroll aċċettati bħala ekwivalenti abbażi tal-valutazzjoni li tkun saret. Dik l-awtorità kompetenti għandha tinvestiga l-orijini tal-irregolarità jew tal-ksur suspettati u għandha, fi żmien 30 jum kalendarju min-notifika tal-Kummissjoni, tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat bir-riżultat tal-investigazzjoni u bl-ażżjonijiet meħuda, inkluż, kif ikun xieraq, bl-eżamijiet tal-operaturi fuq il-post, bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1698 (\*).

(\*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1698 tat-13 ta' Lulju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bir-rekwiżiti proċedurali għar-rikonoxximent tal-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll li huma kompetenti biex iwettqu l-kontrolli fuq operaturi u gruppi ta' operaturi ċċertifikati organiċi u fuq il-prodotti organiċi f'pajjiżi terzi u bir-regoli dwar is-superviżjoni u l-kontrolli tagħhom u azzjonijiet oħra li għandhom jitwettqu minn dawk l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll (ĠU L 336, 23.9.2021, p. 7.);

- (2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

- (a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

“1a. L-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni fi żmien xieraq, u sa mhux iktar tard minn 30 jum kalendarju, bl-okkorrenza ta' bidliet fil-kontenut tad-dossier tekniku tagħhom.”;

- (b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe ħin titlob kwalunkwe informazzjoni ulterjuri mill-awtoritajiet ta' kontroll u mill-korpi ta' kontroll, inkluż rigward ir-rapport annwali. Dik l-informazzjoni addizzjonali għandha tiġi pprovduta f'forma elettronika.”;

- (c) jiddiedu l-paragrafi 4 sa 7 li ġejjin:

“4. Il-Kummissjoni tista' torganizza eżamijiet fuq il-post ibbażati fuq ir-riskju tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll biex tevalwa l-kwalità u l-effettività tal-kontrolli mwettqa minn kull awtorità ta' kontroll jew korp ta' kontroll. Dawk l-eżamijiet jistgħu jiġu kkoordinati mal-korp ta' akkreditazzjoni rilevanti. Il-Kummissjoni tista' tkun akkumpanjata minn esperti indipendenti matul dawk l-eżamijiet fuq il-post.

Il-Kummissjoni tista' titlob kwalunkwe informazzjoni oħra, inkluż il-preżentazzjoni ta' rapport wieħed jew iktar tal-eżamijiet fuq il-post *ad hoc* stabbiliti minn esperti indipendenti ddeżinjati minnha.

L-eżamijiet fuq il-post jistgħu jinkludu:

- (a) żjara fl-uffiċċji jew fil-bini tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll, is-servizzi esternalizzati tagħhom u l-operaturi jew gruppi ta' operaturi taħt il-kontroll tagħhom, fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi;
- (b) rieżami dokumentarju tad-dokumenti rilevanti li jiddeskrivu l-istruttura, il-funzjonament u l-ġestjoni tal-kwalità tal-awtoritajiet ta' kontroll jew tal-korpi ta' kontroll;
- (c) rieżami dokumentarju tal-fajls tal-persunal, inkluż l-evidenza tal-kompetenzi, ir-rekords tat-taħriġ tagħhom, id-dikjarazzjonijiet tal-kunflitt ta' interess u r-rekords tal-evalwazzjoni u tas-superviżjoni tal-persunal;
- (d) verifika tal-fajls tal-operaturi jew ta' gruppi ta' operaturi sabiex jiġi vverifikat it-trattament tan-nuqqasijiet ta' konformità u tal-ilmenti, il-frekwenza minima ta' kontroll, l-użu ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju fit-twettiq tal-ispezzjonijiet, l-implimentazzjoni ta' żjarat ta' segwitu u ta' żjarat mingħajr avviż minn qabel, il-politika tal-kampjunar u l-iskambju ta' informazzjoni ma' korpi ta' kontroll u ma' awtoritajiet ta' kontroll oħra;
- (e) awditu ta' rieżami, li huwa l-ispezzjoni ta' operaturi jew ta' gruppi ta' operaturi biex tiġi vverifikata l-konformità mal-proċeduri standard ta' kontroll u ta' valutazzjoni tar-riskju tal-awtorità ta' kontroll jew tal-korp ta' kontroll u tiġi vverifikata l-effettività tagħhom, filwaqt li titqies l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tal-operaturi mill-aħħar spezzjoni tal-awtorità ta' kontroll jew tal-korp ta' kontroll;
- (f) awditu b'xhieda, li huwa l-evalwazzjoni tat-twettiq tal-ispezzjoni fiżika fuq il-post imwettqa minn spettur tal-awtorità ta' kontroll jew tal-korp ta' kontroll.

5. Għall-fini tat-tnejn ta' eżamijiet fuq il-post tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll, il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni mingħand il-korpi ta' kontroll u l-awtoritajiet ta' kontroll. Dik l-informazzjoni trid tiġi pprovduta fi ħdan perjodu li għandu jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-awtorità ta' kontroll u lill-korp ta' kontroll meta tirċievi notifika minn Stat Membru li jinfurmaha b'suspett sostanzjat ta' irregolarità jew ksur, fir-rigward tal-konformità tal-prodotti organiċi importati, mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u mal-istandards tal-produzzjoni u mal-miżuri ta' kontroll aċċettati bħala ekwivalenti abbażi tal-valutazzjoni li saret. L-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll għandhom jinvestigaw l-orijini tal-irregolarità jew tal-ksur suspettati u għandhom, fi żmien 30 jum kalendarju min-notifika tal-Kummissjoni, jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat bir-riżultat tal-investigazzjoni u bl-azzjonijiet meħuda mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll, inkluż, kif ikun xieraq, l-eżamijiet tal-operaturi fuq il-post, bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2021/1698.

7. Qabel ma jiċċertifikaw operatur ġdid jew grupp ta' operaturi ġodda, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll għandhom jiżguraw li, jekk l-operatur jew il-grupp ta' operaturi jkunu ġew sospiżi jew irtirati fl-aħħar sentejn mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll preċedenti tagħhom, in-nuqqasijiet ta' konformità identifikati minn dawk l-awtoritajiet ta' kontroll jew mill-korpi ta' kontroll ikunu ġew indirizzati jew ikunu qed jiġu indirizzati mill-operatur jew mill-grupp ta' operaturi. Jekk l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ma jkunux jistgħu jiżguraw li n-nuqqasijiet ta' konformità ġew indirizzati jew qed jiġu indirizzati, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ma għandhomx jiċċertifikaw l-operatur jew il-grupp ta' operaturi.”;

(3) fl-Artikolu 3, il-punt (d) huwa emendat kif ġej:

(a) il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

“il-Kummissjoni tista' tirtira l-entrata ta' pajjiż terz mil-lista meta:”;

(b) il-punt (iv) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(iv) wara talba mill-Kummissjoni, il-pajjiż terz ma jaqbilx ma' eżami fuq il-post, jew jekk eżami fuq il-post ikollu riżultat negattiv minħabba funzjonament ħażin sistematiku tal-miżuri ta' kontroll;”;

(c) jizzied il-punt (v) li ġej:

“(v) fi kwalunkwe sitwazzjoni oħra fejn ikun hemm riskju li l-konsumatur jitqarraq dwar in-natura reali tal-prodotti ċċertifikati mill-pajjiż terz.”;

(4) fl-Artikolu 4, il-paragrafu (1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) il-Kummissjoni tista' tissospendi l-entrata ta' awtorità ta' kontroll jew ta' korp ta' kontroll mil-lista jew abbażi tal-informazzjoni riċevuta, jew meta l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ma jkunux ipprovdew biżżejjed informazzjoni kif ikun meħtieġ fi ħdan perjodu li għandu jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni skont is-severità tal-problema, li ma għandux ikun inqas minn 30 jum, jew meta ma jkunux qablu ma' eżami fuq il-post.”;

(b) il-punt (d) huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(iii) l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ma jżommux disponibbli jew ma jikkomunikawx l-informazzjoni kollha relatata mad-dossier tekniku jew mas-sistema ta' kontroll tagħhom wara talba mill-Kummissjoni fi ħdan perjodu li għandu jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni, skont is-severità tal-problema, u li ma għandux ikun inqas minn 30 jum jew f'konformità mal-Artikolu 2(1a).”;

(ii) il-punt (iv) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(iv) l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ma jżommux disponibbli jew ma jikkomunikawx l-informazzjoni dwar l-investigazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità”;

(iii) il-punt (vi) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(vi) l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ma jaqblux ma' eżami fuq il-post meħtieġ mill-Kummissjoni, jew ma jibagħtux l-informazzjoni kollha mitluba skont l-Artikolu 2(5), jew jekk eżami fuq il-post ikollu riżultat negattiv minħabba funzjonament ħażin sistematiku tal-miżuri ta' kontroll; jew”;

(5) jiddaħħal l-Artikolu 4a li ġej:

“Artikolu 4a

#### **Assistenza għas-supervizzjoni mill-Istati Membri**

1. Għall-fini tar-rieżami tar-rikonoxximent ta' pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 3, il-Kummissjoni, meta titlob l-assistenza tal-Istati Membri, għandha tiġi assistita minn żewġ Stati Membri biex jaġixxu bħala korelaturi għall-eżami tar-rapport annwali u kwalunkwe informazzjoni oħra riċevuta, u għall-ewalwazzjoni tal-prestazzjoni operazzjonali tal-pajjiżi terzi.

2. Għall-fini tar-rieżami tar-rikonoxximent tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll f'konformità mal-Artikolu 2, il-Kummissjoni, meta titlob l-assistenza tal-Istati Membri, għandha tiġi assistita minn żewġ Stati Membri biex jaġixxu bħala korelaturi għall-eżami tar-rapport annwali u kwalunkwe informazzjoni oħra riċevuta, u għall-ewalwazzjoni tal-prestazzjoni operazzjonali tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll.

3. Il-Kummissjoni tista' taqşam it-talbiet għall-assistenza f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 bejn l-Istati Membri b'mod proporzjonat man-numru ta' voti ta' kull Stat Membru fil-Kumitat dwar il-Produzzjoni Organika.”;

(6) fl-Artikolu 5, it-tielet u r-raba' paragrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

“L-Artikoli 1, 3 u 4a(1) għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2026.

L-Artikoli 2, 4 u 4a(2) għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2024.”

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN